MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 501/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Camilleri, bin Kristinu u Carolina nee Brightwell, imwieled fl-14 ta’ Settembru 1955, numru tal-Karta ta’ l-Identita` 616355, talli ghat-tlett gimghat qabel l-24 ta’ Jannar 2007, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk kif marbut b’kuntratt, naqas li jaghti lil martu Marlene Camilleri s-somma ta’ Lm58 kull gimgha iffissata mill-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghall-ulied, u dan fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni jew skond il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Camilleri hati skond l-imputazzjoni kif dedotta izda lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar skond l-Artkolu 22 tal-Kap. 446, u inoltre ordnat lill-istess Joseph Camilleri ihallas is-somma ta’ Lm174 (mija u erbgha u sebghin lira) fi zmien xahar, u dan skond l-Artikolu 24 ta’ l-imsemmi Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Camilleri, minnu pprezentat fl-20 ta’ Dicembru 2007, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2008; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu hames aggravji li tajjeb li jigu trattati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens l-azzjoni hi preskritta *“stante li huwa gie notifkat ferm aktar tard mill-periodu ta’ sitt xhur li trid il-ligi [u li] anke jekk hemm notifika, tali notifika ma saritx skond il-ligi stante li din ma inghatatx lilu personalment.”* Kwantu ghal dan l-ewwel aggravju, jidher mill-atti tal-kawza li l-Pulizija Ezekuttiva kellha ftit ta’ diffikulta biex tinnotifika lill-appellant, allura imputat, bic-citazzjoni. Ic-citazzjoni – ara fol. 1 – harget fid-9 ta’ Frar 2007 u a fol. 3 u fol 6 ta’ l-atti hemm riferti negattivi li juru li l-Pulizija pprovaw aktar minn darba jinnotifikaw lill-imsemmi Camilleri fl-indirizz li kellhom ta’ San Giljan. A fol. 10, pero`, hemm riferta posittiva li tghid li l-imputat gie notifikat fl-indirizz “CBR – Hal-Luqa”, fis-26 ta’ Lulju 2007, u li din in-notifika saret billi c-citazzjoni nghatat “lilu stess”. Issa, ghall-finijiet tar-reat in dizamina – dak kontemplat fl-Artikolu 338*(z)* tal-Kodici Kriminali – il-Kodici Kriminali jipprovdi ghal periodu preskrittiv specjali, u cioe` ta’ sitt xhur, u mhux, bhall-kontravvenzjonijiet l-ohra, ta’ tlett xhur. L-imputazzjoni tirreferi ghat-tlett gimghat, jew ahjar, ghat-tlett pagamenti ta’ kull gimgha qabel l-24 ta’ Jannar 2007. Anke jekk wiehed kellu jiehu bhala data meta l-ahhar pagament kien dovut is-17 ta’ Jannar 2007 (u dan peress li l-kuntratt ta’ separazzjoni, li kopja tieghu tinsab ezibita a fol. 15 ta’ l-atti, gie ffirmat fis-

17 tax-xahar ta’ Novembru tas-sena 1998), ir-reat, li f’dan il-kaz qed jigi ipotizzat bhala wiehed kontinwat, sehh hmistax-il jum wara s-17 ta’ Jannar 2007, jigifieri fl-1 ta’ Frar 2007. Is-sitt xhur ghall-estinzjoni ta’ l-azzjoni kienu ghalhekk jiskadu fl-1 ta’ Awissu 2007. Bin-notifika fis-26 ta’ Lulju 2007 il-preskrizzjoni giet ghalhekk sospiza qabel ma effettivament iddekorriet. Pero` l-appellant jikkontendi wkoll li anke jekk, se mai, kien hemm tali notifika entro t-terminu ta’ sitt xhur, din ma kenitx wahda valida ghax hu ma giex notifikat personalment (kif allegatament jinghad fir-riferta bil-kliem “lilu stess”), stante li l-post in kwistjoni ma kienx ir-residenza tieghu izda il-post tax-xoghol tieghu. Dwar dan il-punt xehedu kemm l-istess appellant kif ukoll l-*accountant* tieghu, certu Albert Scerri. L-appellant semplicement ma jiftakarx jekk fis-26 ta’ Lulju 2007 huwa kienx gie notifikat personalment. Albert Scerri, li jirrizulta li gie li kien jircevi atti gudizzjarji civili ta’ l-appellant, jiftakar li f’xi zmien f’Gunju jew f'Lulju tal-2007 huwa kien ircieva telefonata mill-Ghassa ta’ San Giljan fejn qalulu li kien hemm att gudizzjarju ghall-principal tieghu. Huwa mar f’dina l-Ghassa u hemm jiftakar li gie moghti xi dokument. L-imsemmi Scerri, pero`, la seta’ jiftakar id-data meta dana sehh, u anqas jekk id-dokument kienx jirreferi ghall-kawza *de quo* jew ghal xi haga tat-traffiku – in fatti, mistoqsi x’kien dan id-dokument, huwa wiegeb hekk:

“Minghalija l-Pulizija kontra Joseph Camilleri, xi haga hekk, pero` ma nafx jekk kenitx *traffic* jew tal-familja jew affarijiet hekk jigifieri.”

Quddiem xiehda hekk neboluza, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tirbah il-presunzjoni (presunzjoni *juris tantum*) li r-riferta saret validament, u cioe` skond kif jinghad fl-istess dokument billi c-citazzjoni nghatat lill-appellant, allura imputat, personalment. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant jista’ jigi kkunsidrat flimkien mat-tielet wiehed. L-appellant bazikament jikkontendi li ma hux minnu li huwa, ghall-periodu inkriminat (cioe` t-tlett gimghat qabel l-24 ta’ Jannar 2007), naqas li jhallas il-manteniment ta’ Lm58 fil-gimgha dovuti bhala

manteniment ghal martu. Skond l-appellant l-ammont dovut gja nghata lilha u dan meta l-*accountant* tieghu, bi zball, baqa' jhallas il-manteniment tat-tfal anke meta dawn, jew xi whud minnhom, saru maggorenni. L-appellant jaghmel referenza in partikolari ghall-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2006 – ara kopja ezibita a fol. 24 ta' l-atti – li permezz taghha huwa interpella lill-martu Marlene Camilleri sabiex tirrifondilu *"l-ammont zejjed ta' manteniment li ghadda lilek mis-sena 1999 sal-lum"* fl-ammont ta' Lm7380.50; fl-istess ittra huwa qalilha li fin-nuqqas li hija taghmel hekk, cioe` li tirrifondi dana l-ammont, huwa kien ser iqis dana l-ammont li huwa qed jghid li hallasha indebitament *"…bi tpacija ghall-manteniment dovut [lilha] sat-3 ta' Ottubru 2008…"*. Peress illi, skond l-appellant, martu ma wegbitx ghal din l-ittra ufficjali, allura giet fis-sehh it-tpacija minnu ravvizata. Din il-Qorti assolutament ma tistax taccetta dana r-ragunament. Apparti li l-kwistjoni ta' jekk hemmx ir-rekwiziti kollha ghal tpacija hija materja ta' indoli civili li m'ghandhiex tidhol fiha din il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali, anqas hemm xi prova li dak li l-appellant jghid li ghadda bhala manteniment ghal uliedu wara li dawn saru maggorenni baqa' f'idejn martu u ma spiccax effettivament f'idejn l-istess ulied. Il-kuntratt jghid li huwa ghandu jhallas manteniment ta' Lm58 fil-gimgha lil martu bhala manteniment ghaliha; u sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti civili li tghid mod iehor jew sakemm il-partijiet ma jiftehmux b'kuntratt pubbliku iehor – mhux b'semplici ittra ufficjali mhux imwiegba – mod iehor, l-appellant jibqa' tenut, ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-Artikolu 338*(z)* tal-Kap. 9, li jissomministra dak il-manteniment ta' kull gimgha. Ghalhekk dawn iz-zewg aggravji qed jigu wkoll respinti.

Ir-raba' aggravju hu fis-sens li mart l-appellant – li huwa jsejhilha "il-kwerelanti" – bdiet dawn il-proceduri minghajr ma stenniet li jghaddu l-hmistax-il gurnata msemmija fil-paragrafu *(z)* in kwistjoni. Dan l-aggravju hu manifestament infondat. Apparti li r-reat in dizamina huwa prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva (trattandosi ta' reat kontra l-ordni pubbliku), ic-citazzjoni ggib id-data tad-9 ta' Frar 2007, meta allura kienu ghaddew anke

hmistax-il gurnata mid-data ta’ l-24 ta’ Jannar 2007 imsemmija fic-citazzjoni.

Il-hames u l-ahhar aggravju hu li mart l-appellant iddekadiet mid-dritt li tircevi il-manteniment kif pattwit stante li hija ghandha relazzjoni extra-maritali ma’ ragel iehor. Anke hawnhekk, apparti li ma ingabet ebda prova f’din il-Qorti ta’ tali relazzjoni, din hi materja li tista’ tikkunsidraha biss qorti kompetenti civili, u mhux din il-Qorti li hi wahda ta’ Gustizzja Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iz-zewg termini ta’ xahar imsemmija fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------